Alfred Zawadski (*British Passport number* 682139D), Susan Meadows (I.D. 24768M) u Anne Hynds (I.D. 489695M) u Stephen Sant Cassia (British Passport number 346716), *SOC & K Company Limited* (C-8141), Yvonne Sant Cassia (I.D. 504925M),

U stante l-mewt ta` Carmelina mart Josie Borg l-atti ġew trasfużi favur *Christef Company Limited* (C-8184), Ruggier *Holdings Limited* (C-14022) u *Beaumont Estates Limited* (bin-Numru tat-Taxxi Interni 99100503);

U b'nota tat-3 ta` Ġunju, 2013 Francis Cachia Caruana assuma l-atti tal-assenti Susan Meadows, Ann Hynds u Stephen Sant Cassia minflok Anthony Sant Cassia li miet fil-mori tal-kawża.

**Il-Qorti**,

1. Rat il-**libell** fuq indikat datat id-**19 ta' Mejju, tal-1931**, li permezz tieghu l-atturi fuq riferiti sejjhu lill-konvenuti, wkoll fuq riferiti, quddiem din il-qorti, biex jghidu ghaliex m'ghandhomx:

i. Iwiegbu ghall-premessi hemm kopjozament esposti, u sussegwentement
ii. Biex jigu ikkundannati tat-talbiet hemm ukoll postulati;

2. Illi hu ghaqli li f'dan l-istadju jigi immedjatament sottolineat li l-istrument processwali promotur fuq indikat **m'ghadux aktar vigenti** fis-sistema proceduralі odjerna stante li maz-zmien gie superat u sostitwit bi strumenti procedurali ohra aktar prattici - li pero` l-esperjenza qed turi l-htiega urgenti ta' ripensament fir-rigward biex b'hekk tigi evitata l-konfuzjoni osservata li tirrikorri f'certi cirkostanzi;

3. Illi ghalhekk, dan l-istess strument - il-**libell** promotur *in dizamina* - jirrizulta li effettivament hu **l-ahhar** ezemplari li qed jigi hekk utilizzat biex allura, bil-prezenti decizjoni qieghed finalment anke **jinghalaq kapitolu** zghir, ghalkemm partikolari, **fl-istorja tal-izvilupp procedurali u processwali tal-ligi Maltija**;

4. Illi ghandu jigi wkoll ribadit, anke *ai fini* storici sollevati periferalment mill-vertenza in dizamina, li stante li dan id-dokument processwali hu wiehed intavolat **qabel** l-**1934**, (ara paragrafu numru wiehed (1)), l-istess dokument konsegwentement gie originarjament intavolat bil-**lingwa Taljana** - il-**lingwa uzata fil-qrati fil-perjodu involut**;

5. Illi aktar minn hekk, ghandu jigi wkoll ribadit li minn ezami approfondit tal-atti processwali *in dizamina*, jirrizulta li l-procedura *de quo* kienet anke giet precedentement intavolata addirittura fit-**30 ta' Marzu tal-1911,** izda kienet sussegwentement kancellata;

6. Illi ovvjament, jidher li kien hemm ripensament stante li l-istess procedura kienet giet riproposta permezz tal-procedura odjerna, (ara paragrafu numru wiehed (1));

7. Illi *di piu`*, minn ezami aktar akkurat tad-dokumentazzjoni kopjuza rizultanti fl-atti ta' din il-procedura ghandu jigi sottolineat li attwalment il-vertenza ndirizzata fiz-zewg istanzi fuq indikati hi effettivament naxxenti addirittura minn strument testamentarju dettaljatissimu redatt minn certu **Arcangelo Calleja**, ippubblikat fl-atti tan-Nutar Bernardo Maria Callus, datat it-**8 ta' Frar, tal-1761,** liema testatarju **twieled fl-1686,** (ara paragrafu numru erbgha w ghoxrin punt wiehed (24.1));

**Ikkunsidrat:**

8. Illi permezz tat-testment indikat fil-paragrafu precedenti t-testatur hemm ukoll indikat istitwixxa bhala eredi universali tieghu lill-erba' wliedu:

i. Giuseppe, iii. Ugolino u
ii. Francesco, iv. Maria;

9. Illi l-imsemmi testatur originali, **Arcangelo Calleja**, stabilixxa wkoll li l-imsemmija eredita` kellha wkoll tinkludi dawk il-beni *stabbli*, (li llum nindikaw bhala *immobbli*), kollha spettanti lill-istess eredita` tieghu, inkluzi dawk l-immobbli li hu kien gia` iddispona minnhom, u dawn kellhom jiddevolvu favur il-fuq imsemmija erba' uliedu minnu gia` indikati bhala l-eredi universali tieghu, (ara paragrafu precedenti immarkat numru tminja (8)), u b'dan, li bhala l-eredi universali kellhom jigu wkoll inkluzi d-**dixxendenti legittimi** u **naturali** tal-istess imsemmija uliedu minnu dikjarati eredi universali ***in infinitum***;

10. Illi stante li t-testatur fuq indikat jirrizulta li kien pjuttost ezageratament perfezzjonista, ghalkemm zgur previggenti, iddispona wkoll li fl-eventwalita` tal-estinzjoni totali tal-linja ta' dixxendenti minn xi wiehed jew wahda mill-eredi tieghu fuq imsemmija, (ara paragrafu numru tminja (8)), din il-linja estinta kellha tigi sostitwita minn **Arcangelo**, **Giovanni** u **Caterina**, ahwa **Calleja**, li kienu n-neputijiet tat-testatur fuq indikat, ulied ibnu mill-ewwel zwieg tieghu li kien jismu Paolo Calleja, u li *di piu`*, fid-difett taghhom, kellhom jigu inkluzi d-dixxendenti taghhom;

11. Illi fl-eventwalita` tal-estinzjoni tal-linji ereditarji kollha fuq indikati l-istess testatur Arcangelo Calleja iddispona wkoll li l-beni *stabbli* kollha involuti fil-wirt in dizamina kellhom jghaddu ghand **il-konsangwinei l-ohra kollaterali l-izjed prossimi tal-istess testatur**, u dan, bil-kwalifika esplicita *"**in stirpem et non in capita**"*;

**Ikkunsidrat:**

12. Illi skont kif ritenut *in atti* mill-libellanti, u kif jirrizulta pacifiku bejn il-partijiet kollha odjerni, jirrizulta li hemm qbil generali li l-ahhar beneficjarja dixxendenti tat-

testatur Arcangelo Calleja li kienet tipposjedi l-*fede commess* tal-istess testatur, kienet certa **Anna Spiteri Agius**;

**Ikkunsidrat:**

13. Illi skont id-dokumentazzjoni prodotta *in atti* jirrizulta wkoll li l-imsemmija Anna Spiteri Agius mietet f'epoka meta d-dixxendenza tan-neputijiet t'Arcangelo Calleja fuq indikati, (ara paragrafu numru ghaxra (10)), kienet wkoll totalment estinta;

14. Illi konsegwenza tal-estinzjoni ereditarja riskontrata kif hawn sintetikament esposta, allura avverat ruhha s-sostituzzjoni ordnata preventivament mit-testatur Arcangelo Calleja fejn issa **il-konsangwinei kollaterali tieghu** setghu jigu intromessi fl-eredita` *in dizamina* in sostituzzjoni tal-premorjenti fuq riferiti, u dan, skont l-istess kondizzjonijiet fuq sintetikament riferiti (ara paragrafu numru hdax (11));

**Ikkunsidrat:**

15. Illi f'dan l-istadju, kemm ghall-ekonomija tal-gudizzju, kif ukoll biex jigi evitat aktar dilungar inutili u zgur infruttiferu, taghmel referenza ghar-**rikors kongunt** tal-**partijiet kollha involuti** f'din il-procedura, datat it-**28 ta' Mejju**, **2013**, liema rikors kien ukoll sussegwentement gie ribadit *in toto* mill-partijiet tramite **nota appozita minnhom ipprezentata** *in atti* u datata t-**18 ta' Gunju**, **2013**;

16. Illi din ir-referenza qed issir kemm, biex ma jinheliex aktar zmein inutilment, tenut kont tal-perjodu *ezageratament twil* li din il-procedura hadet sar-rizoluzzjoni finali taghha, kif ukoll, minhabba n-*numru inordinatament kopjuz ta' partecipanti attivi f'din il-procedura* li matul iz-zmien akkumulaw intortament fl-istess, u li lkoll necessarjament, assodaw l-interess guridiku genwin taghhom fir-rigward;

17. Illi minnu innifsu dan kollu logistikament jirrikjedi risoluzzjoni dixxiplinata izda kollaborattiva tal-vertenza li fortunatament giet finalment assigurata wara li l-kontendenti protagonisti irrealizzaw li **l-kooperazzjoni twassal aktar il’ boghod mill-konfront**;

18. Illi ghalhekk, permezz tal-imsemmi **rikors** u tan-**nota** fuq indikati, (ara paragrafu numru hmistax (15)), il-partijiet kollha nvoluti, b’ghaqal ezemplari u b’maturita` lodevoli li zgur timmerita li tigi emulata, liberament ghazlu li minflok li jibqghu jestendu l-perjodu ezageratament twil gia` riskontrat sar-rizoluzzjoni finali tal-vertenza odjerna, iddecidew li jaslu ghall-**kompromess ghaqli**, jitransiegu l-vertenza *in dizamina* b’mod amikevoli, biex b’hekk tigi terminata bi profitt ghall-partecipanti saga processwali bla precedent;

19. Illi effettivament, il-veru ghan ta’ kull procedura gudizzjarja ghandu jkun dak li bis-sentenza finali jintlahaq dak l-ekwilibriju gust bejn il-kontendenti li permezz tieghu il-partijiet kollha involuti jhossu li tkun twettqet gustizzja maghhom - haga li fil-verita` difficilment tintlahaq unikament bl-intervent tad-decizjoni istituzzjonalment imposta;

20. Illi fil-kazijiet komplikatissimi bhal dik odjerna ghandu jkun pacifiku li l-gustizzja li wiehed jaspira li jottjeni tkun verament milhuqa u attwata **unikament** jekk il-kontendenti jigu mghejjuna joperaw *in buona fede* biex jilhqu il-ftehim **kummutattiv** awspikat;

21. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li fil-kazijiet storikament, materjalment, u numerikament komplikati bhal dik *in dizamina*, l-istituzzjoni gudizzjarja ghandha d-dover mhux biss li tiddeciedi l-vertenza fi *zmien ragonevoli*, izda li effettivament tixpruna lill-partijiet biex jilhqu l-awspikata *transazzjoni gusta* komunement deziderata, stante li bl-istrumenti akkademici godda illum rezi ghad-dispozizzjoni taghha fil-qasam tal-arbitragg, ghandha t’opra ruha attivament biex b’kuragg tesplora anke din il-possibbilita` biex b’hekk tikkonsolida

transazzjoni serja, durevoli, u universalment accettabbli, u dan, unikament fl-istess interess tal-partijiet *kollha* involuti;

**Ikkunsidrat:**

22. Illi in vista tar-rikors fuq riferit jirrizulta li l-kontendenti irrealizzaw il-beneficcji kollha naxxenti mill-possibilita` li jintlahaq il-ftehim gust deziderat u effettivament liberament ikkonkludew l-awspikata transazzjoni;

23. Illi f'din it-transazzjoni il-partijiet kollha involuti sintetikament jissottolineaw ukoll li qed jistriehu fuq is- segwenti:

23.1 Illi l-kontendenti jindikaw li qed jistriehu fuq ir-relazzjoni dettaljata u estensiva tal-Perit Legali precedentement mahtur appozitament ghal dan il-ghan minn din l-istess qorti ovvjament diversament preseduta - l-abbli Avukat Dottor Alessandro Stilon de Piro - li ipprezenta r-relazzjoni estensiva tieghu fl-atti ta' din il-procedura fis-27 ta' Jannar tal-1939, (ara fol 281 *et sequitur*);

23.2 Illi pero` ghandu wkoll jigi immedjatament ribadit li nonostante li n-numru ta' kontendenti kompla jakkumula mat-trapass inezorabbli ta' zmien u bil-progress generazzjonali naturalment riskontrat, jirrizulta, kif affermat mill-istess rikorrenti in dizamina, li jista' jaghti l-kaz li "ghad hemm uhud minn dawn il-branki li ghadhom ma iddhaluhx" fl-atti ta' din il-procedura;

23.3 Illi biex il-vertenza odjerna tikkomplika ruhha aktar u aktar jirrizulta, kemm minhabba dan it-trapass ta' zmien riskontrat, kif ukoll minhabba l-interkambju familjari u generazzjonali naturalment rizultanti, jirrizulta li hemm ukoll diversi beneficjarji li ghandhom jippercepixxu sehem bhala dixxendenti "kemm mill-branka tal-atturi kif ukoll mill-branka tal-konvenuti";

23.4 Illi qed jigi sottolineat ukoll mill-partijiet kollha involuti li fl-ewwel procedura intavolata - dik tal-**1911** - (ara paragrafu numru hamsa (5)), din il-procedura kienet giet istitwita originarjament biex il-wirt meritu tal-istess “jinqasam f’erba’ (4) prozjonijiet”, filwaqt li l-procedura odjerna, (ara paragrafu numru wiehed (1)), hi ntiza biex il-wirt *de quo* jinqasam minflok, fi tnejn (2);

23.5 Illi nonostante *cio*`, il-kontendenti jaqblu u jiddeterminaw esplicitament fit-transazzjoni minnhom milhuqa kif espressa fl-istess rikors datat it-**28 ta’ Mejju**, **2013**, fuq riferit, (ara paragrafu numru hmistax (15)), li d-divizjoni *in meritu* ssir “f’erba’ porzjonijiet ugwali, cioe` ta’ kwart (1/4) kull wiehed ...;

23.6 Illi fl-ahjar interess tal-gustizzja l-istess ftehim qieghed issa jigi indirizzat lill-qorti odjerna f’forma ta’ talba esplicita li qed tigi sottomessa mill-partijiet kontendenti kollha ghad-decizjoni finali tal-istess qorti, fejn ukoll, biex jagevolaw aktar il-konkluzjoni felici awspikata, qeghedin jezentaw lill-istess qorti mill-eventwali notifika tad-digriet *de quo* li permezz tieghu qed jissottomettu l-istess transazzjoni lilha;

23.7 Illi in sostenn tal-istess transazzjoni hekk milhuqa bejn il-kontendenti kollha, din it-transazzjoni giet wkoll debitament munita bid-dokumentazzjoni storiko-legali kopjuza kollha li tavallha;

**Ikkunsidrat:**

24. Illi kemm biex il-vertenza odjerna tigi apprezzata ahjar fil-komplessita` kollha taghha, kemm b’rispett ghall-isforzi immani osservati biex jintlahaq il-kompromess lodevoli raggunt mill-partijiet kollha involuti, kif ukoll finalment, bil-ghan li l-vertenza odjerna tigi inkwadrata b’mod koncettwalment u legalment rigoruz li jirrispetta l-*iter* storiku riskontrat, hu ghaqli li f’dan l-istadju jigi sottolineat dan l-istess *iter* storiku tal-vertenza *in dizamina*;

25. Illi ghalhekk il-vertenza in dizamina tista’ tigi sintetikament esposta bil-mod segwenti:

25.1 Illi kif jirrizulta mill-paragrafu numru sebgha (7) aktar il-fuq, is-saga gudizzjarja in dizamina bdiet minn **Arcangelo Calleja**, iben Gio` Domenico u Maria nee Vassallo, li twieled fid-**19 t’April, tal-1686**;

25.2 Illi hut l-imsemmi Arcangelo jirrizultaw li kienu **Margerita**, mart **Teodosio Busuttil**, **Antonia** mart **Anthony Camilleri** u sacerdot **Dun Giuseppe Calleja** – bl-imsemmija Antonia u Dun Giuseppe imutu qabel Arcangelo u ma jkollhomx dixxendenti;

25.3 Illi oht Arcangelo, ‘il fuq imsemmija Margerita, kellha zewgt itfal, senjatament lil **Maria Alessia**, li zzewget lil **Giuseppe Agius**, u **Maddalena**, li zzewget lil **Giuseppe Decoss**;

25.4 Illi l-wirt t’Arcangelo Calleja hu regolat bit-testment gia` fuq riferit, (ara paragrafu numru sebgha (7)), li fih iddispona mill-eredita` tieghu bil-mod dettaljattissimu fuq riferit, fejn ukoll iddispona li jkun hemm *fede commess* perpetwu, (ara paragrafi enumerti sebgha (7), sa tnax (12) aktar qabel);

25.5 Illi jirrizulta wkoll pacifiku bejn il-kontendenti li l-ahhar dixxendenti diretta tal-imsemmi testatur Arcangelo Calleja, *deus ex machina* tas-saga kollha in dizamina, tirrizulta li kienet il-gia` imsemmija **Anna Spiteri Agius** li mietet f’**12 ta**’ **Lulju, tal-1898**, (ara paragrafu numru tlettax (13));

25.6 Illi jirrizulta li l-problema fl-eredita` in dizamina ssib il-mument seminali taghha proprju wara t-trapass tal-imsemmija Anna Spiteri Agius meta d-**dixxendenti** originarji mill-linja ta’ **Maria Alessia Agius**, (ara paragrafu enumerat erba’ w ghoxrin punt tlieta (24.3)), bdew isostnu li kellhom jirtu dak kollu li l-imsemmija Anna Spiteri Agius kienet wirtet mill-eredita` ta’ Arcangelo Calleja;

25.7 Illi in kontrappozizzjoni ma' din it-tezi hekk vantata u kif sintetikament espressa fil-paragrafu precedenti, l-**atturi** prezenti fuq indikati - **dixxendenti** ta' **Maddalena nee` Busuttil mizzewga Decoss**, (ara paragrafu enumerat erba' w ghoxrin punt tlieta (24.3)), - bdew isostnu li fil-vertenza li zviluppat bejn iz-zewg blokki ta' kontendenti kellhom minflok japplikaw ir-regoli tal-*fede commess* u li l-wirt *in dizamina* allura jigi diviz nofs favur taghhom u in-nofs l-iehor favur id-dixxendendi ta' Maria Alessia Agius nee` Busuttil;

26. Illi nonostante d-divergenza koncettwali ta' kif kellha ssir id-divizjoni ereditarja in dizamina ghandu jinghad, u jigi anke sottolineat, li l-istess kontendendi kollha huma effettivament dixxendenti u/jew eredi ta' l-istess ahwa **Maddalena** u **Maria Alessia** fuq riferiti (ara paragrafu enumerat erba' w ghoxrin punt tlieta (24.3));

**Ikkunsidrat:**

27. Illi fid-dawl tat-transazzjoni milhuqa bejn il-kontendenti odjerni fuq gia` riferiti il-**kompromess milhuq** jista' jigi rrispekkjat bil-mod segwenti:

27.1 Illi l-wirt t'Arcangelo Calleja jigi assenjat nofs lid-dixxendenti u/jew eredi ta' l-imsemmija Maddalena Decoss, u n-nofs l-iehor jigi assenjat lid-dixxendenti u/jew eredi ta' Maria Alessia Agius;

27.2 Illi r-regoli rigwardnati l-*fede commess* jibqghu *in vigore* sal-5 ta' Mejju, tal-1950, (vide l-Att XII tal-1950);

27.3 Illi rizultat ta' dak indikat fil-paragrafu precedenti, kemm –il darba wiehed mid-dixxendenti jmut minghajr *prole* qabel id-data indikata fl-imsemmi paragrafu, il-branka involuta tigi konsegwentement injorata u l-ishma ikkoncernati jghaddu fuq il-kumplament tal-ahwa;

27.4 Illi ghal perjodu sussegwenti ghad-data imsemmija fil-paragrafu immedjatament precedenti ghal dak ta' qabel dan, (senjatament il-5 ta' Mejju tal-1950), allura ghandhom japplikaw ir-regoli prezentament vigenti fl-ordinament guridiku Malti rigwardanti l-eredita`;

**Ikkunsidrat:**

28. Illi kif gia` sostenut precedentement, ghalkemm kif wiehed kien jistenna, kemm minhabba t-trapass ta' zmien riskontrat, kif ukoll minhabba c-cirkolazzjoni naturali tal-kontendenti bhala konsegwenza tad-dilungar *inaccettabbli* riskontrat f'din il-vertenza, ghalkemm tezisti wkoll il-problema reali tal-identifikazzjoni preciza ta' xi whud mill-proprjetajiet ikkoncernati, il-partijiet kollha involuti amikevolemnt, izda solennement, jiddikjaraw ukoll li anke f'dan il-kaz, qed jaqblu li jekk jirrizulta xort'ohra, qeghedin minn issa jobbligaw ruhhom li **ma jfixklux il-konkluzjoni serena tal-vertenza** awspikata rizultat tat-transazzjoni hawn milhuqa u konkretizzata;

29. Illi *in oltre*, biex tigi verament agevolata din it-transazzjoni hawn riferita, il-kontendenti kollha ukoll jiddikjaraw li qed **jistriehu fuq l-istimi** redatti mill-Perit Joseph Huntingford fir-relazzjoni peritali tieghu, ipprezentata *in atti*;

30. Illi finalment jiddikjaraw li l-kawza ghandha tigi **ntaxxata** fuq l-istess valuri stabbiliti mill-imsemmi perit;

**Ikkunsidrat:**

31. Illi konsegwentement, rizultat tat-transazzjoni milhuqa u fuq sintetikament esposta, (ara paragrafu numru sitta w ghoxrin (26)), il-kontendenti jiddikjaraw li qed **jitransiegu l-vertenza odjerna bil-mod sedwenti**:

31.1 **Rigwardanti d-Dixxendenti u/jew eredi ta' Maddalena Decoss**:

31.1.a Illi dawn id-dixxendenti huma intitolati ghal nofs l-eredita` *de quo*;

31.1.b Illi allura dan il-porzjon tal-eredita` ghandu jinqasam f'zewg prozjonijiet:

31.1.b.i Prozjoni ta' ottav (1/8); u

31.1.b.ii Prozjon ta' tlett ottavi (3/8);

31.2 **Rigwardanti d-Dixxendenti u/jew eredi ta' Maria Alessia Agius**:

31.2.a Illi dawn id-dixxendenti huma wkoll intitolati ghal nofs l-eredita` *de quo*;

31.2.b Illi din l-eredita`ghandha tinqasam fi tlett (3) prozjonijiet:

31.2.b.i Porzjon ta' kwart (1/4);

31.2.b.ii Prozjon iehor ta' ottav (1/8);

31.2.b.iii Prozjon finali iehor ta' ottav *(1/8);*

**Ikkunsidrat:**

32. Illi rat it-talba tal-partijiet kollha nvoluti kontenuta fl-imsemmi rikors tat-28 ta' Mejju, 2013, fuq riferit, li permezz tieghu qed jitolbu korrezzjoni fit-tieni talba tal-libell promotur billi wara l-kliem " ... *da risultare nella trattazione della causa*" jithassru l-kliem "*in due uguali quote da prevenire una agli esponenti ed una agli convenuti"* u jigu sostitwiti bil-kliem *"in una quota di un ottavo da pervenire agli esponenti che insieme hanno un ottavo o un' altra di tre ottavi da pervenire una porzione agli esponenti che insieme hanno tre ottavi, una porzione di un ottavo da pervenire agli convenuti che insieme*

*hanno un ottavo e la rimanente prozione di tre ottavi da pervenire agli convenuti che insieme hanno tre ottavi come indicato nelle liste annessi e marcati Documenti "I" e "J", i quali proporzioni saranno assegnati per sorte*";

33. Illi rat ukoll it-talba sussegwenti indikata fl-istess rikors riferit fil-paragrafu precedenti fejn l-istess partijiet talbu lill-qorti kif presentement preseduta biex anke f'dan l-istadju eminentement tardiv issejjah fil-kawza fil-vesti ta' ko-atturi lil dawk indikati fid-Dokument immarkat "E" anness mar-rikors *de quo*;

34. Illi rat finalment it-talba hemm istitwita biex l-istess qorti kif preseduta tordna t-trasfuzjoni tal-gudizzju/legittimazzjoni tal-atti ta' dawk indikati espressament fid-Dokument immarkat "F" anness mal-istess rikors *de quo* u fil-vesti t'atturi mentri dawk indikati fid-Dokument "G" tal-istess rikors jigu hekk inkluzi wkoll, izda dawn, fil-vesti ta' konvenuti;

**Ikkunsidrat:**

35. Illi in vista tal-premess, u bil-ghan biex tavalla dawk l-isforzi kollha ghaqlin li saru biex tigi definittivament rizolta l-vertenza odjerna, takkolji l-korrezzjonijiet mitluba fl-imsemmi rikors kif sintetikament espost fil-paragrafi numri tnejn u tletin (32) sa erbgha u tletin (34) u konsegwentement, tawtorizza l-imsemmija korrezzjonijiet fil-libell promotur;

**DECIDE**:

36. Illi in vista tal-premess din il-qorti, tenut kont tat-transazzjoni ghaqlija li l-kontendenti finalment ikkonkludew, m'ghandhiex alternattiva ohra hlief li tavalla l-istess transazzjoni kif fuq indikata, (ara paragrafi numri sebgha w ghoxrin (27) sa wiehed u tletin (31)), li a skans ta' ripetizzjoni inutili qed taghmel ampja referenza ghall-istess **transazzjoni** milhuqa kif hemm espressament

indikata u konsegwentement **tqis l-istess bhala parti integrali ta' din il-parti dispositiva tad-decizjoni**;

37. Illi *di piu`*, taghmel taghha wkoll il-partijiet relattivi ghar-risoluzzjoni tal-vertenza odjerna inkluzi fir-**rikors** tat-**28 ta' Mejju, 2013**, u in vista tal-istess:

37.1 Tistabbilixxi l-assi in divizjoni konsistenti fil-proprjeta` kif indikata fil-pjanti annessi ma' l-imsemmija rikors u immarkati Dokumenti "D1" "D2" (ittri 'i' sa 'k'), "D3" u "D4", ghandhom jinqassmu fi tlett (3) ishma t'ottav (1/8) kull wiehed; sehem ta' kwart (1/4) u finalment, sehem iehor ta' tlett ottavi (3/8), kif intikat fl-istess dokumenti hawn riferiti;

37.2 Illi l-imsemmija ishma indikati fil-paragrafu precedenti huma allura effettivament l-ishma li l-partijiet in kawza ghandhom jaqsmu bejniethom;

37.3 Illi konsegwentement, tordna wkoll li d-divizjoni tal-proprjeta` bejn il-kontendenti ssir a bazi tas-segwenti:

37.3.a Sehem t'ottav (1/8) u iehor ta' tlett ottavi (3/8) spettanti lill-atturi kif indikati fid-Dokument "I" anness mar-rikors fuq imsemmi tat-28 ta' Mejju, 2013; u

37.3.b Sehem ta' kwart (1/4), sehem t'ottav (1/8) u sehem t'ottav (1/8) iehor spettanti lill-konvenuti kif indikat fid-Dokument "J" anness ma' l-istess rikors tat-28 ta' Mejju, 2013;

37.4 Illi d-**divizjoni** ghandha ssir **bix-xorti** kif indikat fid-Dokument immarkat "X" anness mal-istess rikors tat-28 ta' Mejju tal-2013, fuq riferit, liema Dokument, a skans ta' dilungar inutili, qed jigi wkoll meqjus bhala formanti parti integrali minn din il-parti dispozittiva tas-sentenza *de quo*;

38. Illi bil-ghan li tagevola lill-kontendenti f'din l-ahhar fazi tas-saga gudizzjarja riskontrata qieghda tahtar lin-Nutar Dottor Joseph Tabone minnhom stess suggerit ghal dan il-ghan, biex b'hekk jigi awtorizzat **jirredigi** fl-

edificju ta' din il-qorti, u sussegwentement **jippubblika**, l-att opportun fl-14 ta' Jannar, 2014, fid-9.00 a.m.;

39. Illi konsegwentement, a bazi tal-istess finalita`, tahtar wkoll lill-Avukat Dottor Maxilene Pace bhala Kuratur Deputat biex tirrapprezenta l-eventwali kontumaci;

40. Rat wkoll ir-rendikont relattiv tas-sekwestratarju gudizzjarju precedentement nominat ghal dan il-ghan minn din l-istess qorti diversament preseduta, Dr. Gianfranco Gauci, datat il-5 ta' Lulju, 2013, u tordna li wara li l-istess sekwestratarju gudizzjarju hawn riferit jintaxxa d-drittijiet legittimi tieghu, hu ghandu jithallas mill-istess fondi li jinsabu fil-pussess tieghu, bl-ammont rimanenti jigi utilizzat kif maqbul bejn il-partijiet fl-imsemmi rikors tat-28 ta' Mejju, 2013, fuq indikat;

41. Illi finalment tordna li l-ispejjez ta' din il-procedura kollha, komprizi dawk espressament indikati fid-Dokument "K" 1-3, ghandhom jithallsu mill-kontendenti skont is-sehem rispettiv taghhom;

**Epilogu**:

42. Illi wara li kkonduciet dawn l-ahhar sentejn (2) tal-process in dizamina u wasslet, b'sodisfazzjon, lil din il-procedura f'dan l-istadju konklussiv taghha, din il-qorti kif preseduta thossha obbligata tissottolinea li fir-realta` legali immensament komplessa riskontrata din il-procedura effettivament issukkjat ukoll lil din il-qorti, m'hux biss f'eskursus storiku immani, izda f'analizi bla precedent ta' numru enormi ta' protagonisti kontendenti, liema numru anke fih innifshu, ikkontribwixxa m'hux ftit biex jikkomplika l-vertenza b'mod li ma jirrizultax li qatt gie riskontrat qabel fi proceduri simili f'dawn il-qrati;

43. Illi tenut kont tas-*suespost* ghandu jigi sottolineat bi pjacir li l-konkluzjonijiet li wasslu ghalihom il-kontendenti fuq riferiti ma setghu qatt ikunu possibbli

minghajr il-kooperazzjoni, ghalkemm ovvjament interessata izda anke, eventwalment sinciera, tal-istess kontendenti kollha, u dan, kif abbilment kondotti b'pacenzja assidwa, mill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet kollha involuti, li gharfu jirrakkmaw it-transazzjoni finalment hawn konkretizzata u ta' dan, haqqhom l-ghola gieh ghas-servizz minnhom rez f'dan ir-rigward;

44. Illi ghaldaqstant, gialadarba giet issa finalment superata din il-parti processwali hawn konsenjata lill-istorja, tawspika li wara dan iz-zmien kollu gew fl-ahhar kostruwiti sisien sodi bizzejjed, ammirevolment ibbazati kif inhuma fuq il-kuncetti bazici tal-***gustizzja kommutattiva***, li ghandhom jippermettu lill-kontendenti jippersegwixxu l-*iter* rizoluttiv fuq rintraccat sat-tmiem logiku tieghu li fih ghad iridu jigu konkretizzati l-aspirazzjonijiet hawn sintetizzati, biex b'hekk, ikunu jistghu ilkoll **iharsu lejn il-futur b'fiducja**.

______________________

**Onor. Imhallef Silvio Meli**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------